MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 825/2003

**Bezzina Ship Repair Yard Limited**

**Vs**

**William Trevisan**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm650.00c (sitt mija u hamsin lira Maltin) rappresentanti self illi kien sar lill-konvenut f"Mejju 2002 fuq talba tieghu stess, liema self kellu jithallas fiz-zmien xahar.

Illi xahar wara ill sar is-self in kwistjoni, l-konvenut hallas is-somma fuq indikata permezz ta' cheque liema cheque izda ma setghax jissarraf stante illi ma kienx hemm flus fil-kont biex ic-cheque setgha jigi onorat.

Illi minkejja illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas huwa baqa' inadempjenti.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tal-4 t’April, 2003 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------